MALTA

# TRIBUNAL GHALL-INVESTIGAZZJONI TA' INGUSTIZZJI

**ONOR. IMHALLEF**
**LINO FARRUGIA SACCO**

Seduta ta' l-4 ta' Frar, 2003

Rikors Numru. 956/1997/1

Godfrey Carmel Xuereb
vs
Ir-Rettur, Universita` ta' Malta u l-Ministru ta' l-Edukazzjoni u Direttur Generali ta' l-Edukazzjoni u b'digriet tal-24 ta' Novembru 1999 il-Ministru ta' l-Edukazzjoni u d-Direttur Generali ta' l-Edukazzjoni gew imnehhija mir-rikors

It-Tribunal,

**RIKORS:**
Ra r-rikors li bih ir-rikorrent wara li ppremetta illi bejn id-9 ta' Mejju 1987 u l-15 ta' Gunju 1995 u b'mod aktar preciz fi/jew ghall-habta ta' Gunju 1994, ir-rikorrent sofra ingustizzja f'li ma nghatax ingustament il-post ta' lecturer fl-Istitut tas-Sahha, liema post kien lilu dovut.

Illi l-fatti tal-kaz kienu fil-qosor kif gej:

Illi fl-1988 hu kien ikkwalifika fl-Universita` ta' Londra fix-xjenza tan-Nutrition u kien kompla javvanza fl-istudji

tieghu, tant li fl-1990 hu kien gab il-kwalifika avvanzata (post-graduate) fix-xjenza tad-Dietetics.

Illi permezz ta' dawk il-kwalifiki kien sar l-ewwel u l-uniku Malti kwalifikat f'din ix-Xjenza.

Illi kif gradwa, huwa kien hadem f'diversi sptarijiet f'Londra u f'Oxford fil-prattika ta' din ix-xjenza, hidma li tatu esperjenza vasta peress li kien hadem hafna mill-qrib ma’ Professuri famuzi f'dan il-qasam.

Illi mar-ritorn tieghu lura lejn Malta, fl-1991, huwa kien imsejjah mill-Institute of Health Care ta' l-Universita` ta’ Malta biex jifformola s-sillabu tan-nutrition fil-kors tan-nursing u sabiex jifforma parti mit-team tal-lecturers.

Illi f'dan il-perjodu kien inhatar minn Kings College London biex ikun "overseas tutor" ghall-istudenti li jintbaghtu Malta, u kien ikollu studenti minn Kings College London fuq bazi regolari, u fil-fatt kien l-uniku overseas tutor f'Malta.

Illi f'Gunju 1994 kienet giet ippubblikata sejha ghal post wiehed ta' Lecturer fin-Nutrition (full-time) ma’ l-Universita` ta' Malta.

Illi huwa kien applika u kien gie msejjah biex jattendi ghal interview fid-9 ta' Settembru 1994.

Illi waqt l-interview, il-Professur A Serracino Inglott kien infurmah, li kemm hu kif ukoll l-external examiners kellhom kliem ta' tifhir dwar kemm kienu mharrga tajjeb l-istudenti li kien jghallem ir-rikorrent u dan setghu jixhdu r-rizultati li kienu jgibu l-istudenti.

Illi ghalkemm kellu din l-esperjenza kollha, u kellu wkoll dejjem kummenti eccellenti mis-superjuri tieghu, dan il-post ma kienx hadu, u fil-fatt fis-7 ta' Dicembru 1994 kien gie nfurmat li l-post kien inghata lil xi hadd iehor.

Illi fil-fatt dan il-post ma kienx imtela minn individwu wiehed, kif kienet is-sejha originali, imma minn tnejn.

Illi fil-fatt il-provi juru, li hadd minn dawk maghzula ma kellu esperjenza vasta daqs ir-rikorrent, kif ukoll wahda minnhom anke kwalifiki kellha anqas minnu u sahansitra meta kienet giet ghall-interview, kienet ghadha qieghda tistudja ghall-masters.

Illi r-rikorrent kien konvint li saret ingustizzja mieghu, ghax deher fic-car li l-Universita` kienet riedet tagevola liz-zewg applikanti l-ohra, meta hu kien l-aktar wiehed li kien jisthoqqlu dan il-post.

Illi huwa kien bi hsiebu jgib biex isostni l-ilment tieghu, lix-xhieda murija fl-elenku li jindika ghar-rigward ta' kull xhud, il-fatti li r-rikorrent kien bi hsiebu jgib prova dwarhom bix-xhieda tieghu.

Ghaldaqstant, ir-rikorrent talab lil dan it-Tribunal li jisma' u jiddeciedi dwar dan l-ilment skond l-Att ta' l-1997, dwar it-Tribunal ghall-Investigazzjoni ta' Ingustizzji u li jinghata rimedju billi: (i) jigi ordnat illi ssir gustizzja mieghu u jinghata l-post ta' lecturer fin-Nutrition bis-seniority mid-data msemmija fuq 7 ta' Dicembru 1994 u (ii) jigi ordnat li jinghata kumpens ta' hamest elef lira Maltin [Lm5000].

Ra l-lista tax-xhieda.

**ECCEZZJONIJIET:**
Ra r-risposta tad-Direttur Generali ta' l-Edukazzjoni li eccepixxa:

1. Illi, preliminarjament, id-Direttur Generali ta' l-Edukazzjoni m'huwiex il-legittimu kontradittur u ghalhekk ghandu jigi liberat mill-osservanza tal-gudizzju.

2. Illi, l-Universita` ta' Malta kienet awtorita` awtonoma u ma tinkwadrax taht ir-responsabbilitajiet tad-Direttur ta' l-Edukazzjoni.

Ghaldaqstant it-Tribunal ghandu jichad it-talba tar-rikorrent bhala infondata fil-fatt u fid-dritt.

Ra r-risposta tar-Rettur ta' l-Universita` ta’ Malta li eccepixxa:

Illi l-intimat bl-ebda mod ma kien ghamel l-ebda ingustizzja mar-rikorrent. Illi fil-fatt il-Bord ta' l-Ghazla li kien qed jikkunsidra s-sejha ghall-mili tal-post reklamat kien mexa korrettement u gustament skond dak li gie lilu sottomess u ghalhekk ma kien ghamel l-ebda ingustizzja kif allegat fl-istess rikors.

Ra l-lista tax-xhieda tal-intimat.

Ra l-atti kollha tal-kawza.

Sema' lix-xhieda bil-gurament.

Sema' l-abili difensuri.

Ikkunsidra

**PROVI:**
Fl-24 ta’ Novembru 1999 Dr Falzon u r-rikorrent iddikjaraw li huma qatt ma harrku f’din il-kawza lill-Ministru ta’ l-Edukazzjoni u d-Direttur Generali ta’ l-Edukazzjoni u ma jafux min hi l-persuna li mliet bil-biro dawn l-ismijiet fl-okkju tar-rikors u ghalhekk Dr Falzon jiddikjara li qatt ma gew imharrka dawn il-persuni.

Dr Falzon talab li ghall-kjarezza l-kliem “Ministru ta’ l-Edukazzjoni u Direttur Generali ta’ l-Edukazzjoni” jinqatghu mill-okkju tar-rikors.

Ir-rikorrentipprezenta affidavit fejn semma illi fis-sena 1988 kien gie kkwalifikat mill-Universita` fix-Xjenza fin-Nutrition u wara kien kompla bl-istudji tieghu u fis-sena 1990 kien akkwista kwalifika avvanzata cioe` “post-graduate” fix-Xjenza tad-Dieteticts u ghalhekk kien l-ewwel u l-uniku Malti kwalifikat f’din ix-Xjenza.

Wara li ggradwa kien hadem f’diversi sptarijiet barranin kemm f’Londra kif ukoll f’Oxford fil-prattika ta’ dawn ix-xjenzi minn fejn kien kiseb esperjenza vasta f’dawn l-

oqsma u kellu l-opportunita` li jahdem mill-qrib ma' Professuri barranin rinomati f'dan il-qasam.

Meta rritorna lura Malta fis-sena 1991, kien gie mitlub mill-Institute of Health Care ta' l-Universita` ta' Malta, sabiex jifformola s-sillabu tan-Nutrition fil-kors tan-Nursing u kien gie mitlub ukoll sabiex ikun wiehed mill-lecturers ta' l-istess kors.

Fl-istess perjodu kien gie appuntat minn King's College ta' Londra, sabiex iservi ta' "overseas tutor' ghal dawk l-istudenti li jintbaghtu Malta. F'Gunju 1994 kienet saret sejha ghall-post wiehed ta' lecturer fin-Nutrition fuq bazi full time ma' l-Universita' ta' Malta. Hu kien applika u gie msejjah biex jattendi ghall-interview fid-9 ta' Settembru 1994. Waqt interview, il-Professur A. Serracino Inglott kien qallu li kemm hu kif ukoll l-external examiners ilkoll kellhom kliem ta' tifhir dwar it-tahrig li kienu jinghataw minnu l-istudenti li kien jghallem haga li kienet tidher ukoll mir-rizultati tajba li kienu jgibu l-istess studenti tieghu.

Minkejja l-kwalifiki superjuri tieghu, l-esperjenza kollha u minkejja l-kummenti eccellenti illi dejjem inghata mis-surperjuri tieghu, ghal xi raguni mill-aktar stramba u diskriminatorja ma nghatax dak il-post u gie infurmat permezz ta' ittra datata 7 ta' Dicembru 1994 illi l-post kien inghata lil haddiehor. Fil-fatt kienu ntghazlu bhala part-time it-tnejn l-ohra u hu ma ntghazilx la bhala part-time u l-anqas bhala full time. L-applikazzjoni kienet harget ghal full time. Sostna li Maria Ellul ikkwalifikat fl-1990 u Claire Copperstone kienet ghada qed tistudja biex tikkwalifika ghall-masters waqt li hu kkwalifika fl-1990.

Hu semma illi l-Universita` kuntrarju ghal dak li kien hemm fis-sejha ghal-applikazzjonijiet, spiccat tat dak il-post mhux lill-persuna wahda izda lil tnejn u mhux fuq bazi full time skond is-sejha izda fuq bazi part-time. Zied jghid illi l-persuni maghzula kellhom esperjenza hafna anqas minnu u aktar minn hekk wahda minnhom kellha ferm anqas kwalifiki minnu, tant li kienet ghadha qed tistudja ghall-masters meta kienet applikat ghall-post haga li hu kellu mis-sena 1990.

Hu semma li kellu diga` esperjenza diretta ta’ diversi snin f’lecturing f’dik il-materja, haga li hu dejjem ghamel bl-aktar mod efficjenti u professjonali. Ghalhekk hu sostna illi mieghu kienet saret ingustizzja u diskriminazzjoni mill-aktar sfaccata u li l-Universita` ma mxietx sewwa mieghu, izda kisret kull regola sabiex tagevola liz-zewg applikanti l-ohra, meta kien ovvju u car, li hu kien l-aktar persuna idoneja ghall-post in kwistjoni kemm bi kwalifiki, prattika, esperjenza, track record etc.

Illi fl-14 ta’ Dicembru 1994 kien kiteb lir-Rettur ta’ l-Universita` il-Profs. Peter Serracino Inglott, fejn talab li l-ingustizzja li sofra tigi rrangata izda sal-gurnata tal-lum ghadu bla risposta. Dr. Joseph Azzopardi Consultant Physician and Diabetologist kien kiteb ukoll dwar il-kaz tieghu izda ghadu bla risposta wkoll.

Ir-rikorrent zied jghid illi minkejja dak kollu l-Universita` riedet izzommu jghallem kif kien qabel, avolja l-post ma nghatax lilu.

**KONKLUZJONIJIET:**
Dawn imsemmija fuq huma l-provi tar-rikorrent ghax l-intimat ma gabx ebda provi. Irrizulta li r-rikorrent kien ikkwalifikat sufficjentement u li l-ghazla li kellu jaghmel il-Bord ta’ l-Ghazla ta’ l-Universita` ta’ Malta kellu jkun dwar min l-aktar mill-applikanti kellu jiehu l-kariga. Irrizulta illi r-rikorrent ikkwalifika ferm qabel l-applikanti l-ohra u kellu esperjenza vasta fis-suggett in kwistjoni. Inoltre kien hadem f’diversi sptarijiet barranin inkluz Londra u Oxford fil-prattika ta’ dawn ix-xjenzi. Kien involut fl-ifformular tas-sillabu fuq is-suggett u kellu diversi kwalifiki fil-materja. Dan kien anke konfermat mir-referees. Ma ngabet ebda raguni valida ghaliex ir-rikorrent ma kellux jintghazel u ghal dawn il-motivi t-Tribunal jichad l-eccezzjoni ta’ l-intimat Rettur ta’ l-Universita` u peress illi jsib l-ilment gustifikat, jilqa’ t-talba tar-rikorrent li ghalhekk ghandu jinghata rimedju kumpensattiv billi jinghata l-hatra ta’ Lecturer fin-Nutrition b’effett mis-7 ta’ Dicembru 1994 u jitpogga fil-lista ta’ seniority kif suppost. Dwar kumpens finanzjarju ma ngabux provi quddiem it-Tribunal li jhoss li

certament ir-rikorrent kellu xi telf ta' flus u "arbitrio boni viri" qieghed jistabbilixxi dan fl-ammont ta' elf Lira (Lm1000).

Spejjez kontra l-intimat.

--------------------------------TMIEM--------------------------------